# Ftit Ħsibijiet fl-Okkażjoni tal-10 Anniversarju tal-Parroċċa

Minn Andrea Pace



L-anniversarji dejjem iwassluk sabiex tagħmel riflessjoni dwar memorji sbieħ li tkun għaddejt minnhom. Fl-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna ħsibijieti jmorru lejn l-affarijiet sbieħ li għaddejt minnhom tul dawn is-snin involut fil-ħajja tal-komunità parrokkjali tagħna. Fl-istess ħin dawn l-anniversarji huma okkażjoni propizja sabiex ilkoll kemm aħna nġeddu l-impenn tagħna lejn il-komunità.

Il-ħajja tal-komunità parrokkjali, minsuġa ma' dik familjari, kienet l-ewwel skola ta' evanġelizzazzjoni. It-tagħlim tal-katekiżmu kien fost l-ewwel opportunitajiet li kellna fejn aħna stajna niltaqgħu mal-persuna ta' Ġesù. Waħda mill-isbaħ esperjenzi li personalment kelli fil-parroċċa kienet li nservi bħala abbati għal 8 snin. Permezz ta' din l-esperjenza ħassejtni parti integrali tal-komunità parrokkjali. Il-grupp taż-żgħażagħ taċ-ċentru parrokkjali għenni nimxi 'l quddiem fil-ħajja spiritwali, fil-bini ta' ħbiberiji sodi, f' li nesprimi lili nnifsi u fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet varji f'atmosfera ta' tim. Dawn l-esperjenzi kabbru lili u lil ħafna oħrajn kemm fuq livell spiritwali kif ukoll fuq wieħed uman. Dawn l-esperjenzi li sawru t-tfulija, l-adolexxenza u ż-żgħożija tiegħi u ta' ħafna nies tal-età tiegħi, kienu possibbli biss għad-dedikazzjoni ta' diversi saċerdoti, reliġjużi u lajċi impenjati li ddedikaw il-ħin tagħhom għalina.

Illum il-ġurnata, il-ħidma mat-tfal u l-adolexxenti fil-parroċċa għadha għaddejja. Tul dawn l-aħħar snin, il-katekiżmu qed isir minn grupp imħallat ta' lajċi u reliġjużi kordinat fuq livell parrokkjali. Dan ifisser li s-sens ta' *ownership* għal katekiżmu żdied, speċjalment minħabba l-involviment dirett ta' numru ta' katekisti lajċi. Iċ-ċentru hu ffrekwentat ukoll min numru ta' adolexxenti li jiltaqgħu għal-laqgħat regolari matul is-sena skolastika.

Jekk irridu nkomplu nimxu 'l quddiem bħala parroċċa ma rridux nibżgħu nirriformaw ruħna u nadattaw rwieħna l-ħin kollu. Il-kliem tal-Papa Franġisku huma sfida għal kull membru tal-komunità parrokkjali li jsejħilna sabiex "nirrikonoxxu li s-sejħa għar-reviżjoni u għat-tiġdid tal-parroċċi għadha ma tatx biżżejjed frott biex dawn ikunu eqreb lejn in-nies, u jkunu mkejjen ta' komunjoni ħajja u ta' parteċipazzjoni, u jorjentaw ruħhom għalkollox lejn il-missjoni"[1]. Dan il-kliem ma għandux jaqtgħalna qalbna anzi għandu jkun ta' impetu sabiex inpoġġu lil Kristu fiċ-ċentru tal-ħidmiet u s-sejħat tagħna u nimxu 'l quddiem fl-isfidi li hemm fil-preżent u fil-ġejjieni.

**Referenza**

[1] Papa Franġisku (2013) *Evangelii Gaudium* (Il-Ferħ tal-Vanġelu), 28